**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 657/2021DC**

***Repubblika***
***vs***
***L-Avukat Ġenerali***

Illum, 3 ta' Awwissu 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Claude-Anne Sant Fournier preżentat fil-21 ta' Lulju 2023 permezz ta' liema talbet lil Qorti tikkonċedielha permess speċjali biex tkun tista' tintavola appell minn degriet mgħoti fit-13 ta' Lulju 2023.

Rat ir-risposta ta'l-Avukat ta' l-Istat preżentata waqt l-udjenza miżmuma llum permezz ta' liema opponiet it-talba.

Rat li l-għaqda attriċi rrimmettiet ruħha ghad-deċizjoni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' degriet mgħoti fit-13 ta' Lulju 2023 il-Qorti ċahdet talba tar-rikorrenti biex tintervjeni fil-proċeduri odjerni. Ir-rikorrenti issa talbet li tingħata permess speċjali biex tappella minn dak id-degriet.

Illi huwa permezz ta'l-artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li l-Liġi tagħna tirregola meta jistgħu jiġu appellati degrieti mgħotija *pendente lite*. Dan l-artikolu jiddistingwi bejn tlett kategoriji ta' degrieti: dawk li ma jistax isir appell

minnhom jekk mhux mas-sentenza finali (elenkati fis-subartikolu 1); dawk li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva mingħajr ma jintalab permess tal-Qorti (elenkati fis-subartikolu 2); u dawk li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva bil-permess speċjali tal-Qorti skond kif jipprovdi s-subartikolu 3. Dan is-subartikolu jipprovdi li:

> *Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, … … . Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva … …*

Illi għalhekk degrieti interlokutorji li mhux elenkati fis-subartikoli (1) u (2) jistgħu jiġu appellati biss jekk il-persuna aggravata titlob u tingħata *permess speċjali* mill-Qorti li tkun tat id-degriet. Dwar in-natura *speċjali* ta' tali permess pronunzjat ruħha din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża *Catherine Balzan pro et noe vs Tarcisio Balzan*[1] fejn ntqal li:

> *L-artikolu 229 li ġie sostitwit bl-Att XXIV tal-1995 u emendat b' dak IV tal-1996 ġie ntrodott fis-sistema tagħna biex jiġu evitati l-kwantita' ta' appelli li kienu jsiru fil-prosegwiment ta' kawża fil-prim' istanza li diversi drabi l-uniku skop tagħhom kien li jitwalu l-proċeduri. Kien għalhekk illi l-leġislatur ħass li kellu jimponi dawk il-każijiet fejn ma kellu qatt isir appell ħlief mis-sentenza finali (sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 229) u dawk il-każijiet, inveċe, fejn kien assolutament neċessarju li jsir appell qabel dak l-istadju għall-prosegwiment ġust u effikaċi ta' dik il-kawża partikolari [sub-artikolu (2)]. Dawn il-listi pero' ma setgħux kienu kompleti u kien għalhekk illi, f'każijiet oħra, id-diskrezzjoni dwar appell qabel is-sentenza definittiva ġiet imħollija f'idejn il-ġudikant. Bil-mod kif huwa redatt pero' l-istess sub-artikolu jindika li għandu jiġi nterpretat b'mod illi dan il-permess għandu jingħata biss għar-raġunijiet ta' ċertu portata. Infatti l-ġudikant irid ikun konvint illi jkun "aħjar u ġust" illi l-materja tinġab quddiem il-Qorti ta' l-Appell fi stadju prematur ta' l-andament tal-kawża. In-norma għalhekk hija li jekk l-Ewwel Qorti ma tikkonsidrax li jkun sew "aħjar" sew "ġust" li jsir dan il-permess, dan il-permess li jissejjaħ "specjali" mill-istess liġi ma għandux jingħata.*

[1] Deċiżjoni mgħotija f'l-4 ta' Mejju 2001.

Illi kien hemm okkazzjonijiet ukoll meta din il-Qorti indikat li l-permess għal appell skond is-subartikolu (3) għandu jingħata biss f'kaz ta' degrieti "*li jkunu jistghu jaffetwaw is-sentenza definittiva*"[2].

Illi aktar minn hekk f'degriet ieħor mgħoti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża f'l-ismijiet *Alfred Schwab vs Mr Green Ltd*[3] intqal li:

> *... ... il-liġi trid fl-artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li min qiegħed jitlob permess biex jappella, irid jikkonvinċi u jipperswadi lill-ewwel qorti li fl-aħjar interess tal-ġustizzja hemm raġuni tajba għaliex l-appell għandu jitħalla jsir mill-ewwel qabel ma tingħata s-sentenza definittiva.* ***L-irwol tal-qorti għalhekk skont dan l-artikolu mhuwiex li tkun bħal speċi ta' timbru, fejn għandha dejjem għandha tagħti l-permess tagħha biex isir appell;***[4]

Illi minn dan l-insenjament huwa ċar li l-leġislatur għaraf li jista' jkun hemm ċirkostanzi li s-subartikolu (2) ta'l-artikolu 229 ma jipprovdiex għalihom pero li fihom ikun *aħjar u ġust* li appell minn degriet interlokutorju isir qabel is-sentenza definittiva. Il-leġislatur għalhekk ħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex tiddeċiedi hi skond iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull kaz jekk f'dawk iċ-ċirkostanzi hux *aħjar u ġust* li l-appell minn degriet interlokutorju isir qabel is-sentenza definittiva.

Ikkunsidrat

Illi f'dan l-istadju l-Qorti ser tindirizza xi punti, fil-fehma tagħha żbaljati, sollevati mir-rikorrenti:

- Fid-degriet tagħha tat-13 ta' Lulju 2023 din il-Qorti ma rrikonoxxietx il-fatt allegat mir-rikorrenti li l-eżitu tal-proċeduri odjerni ser ikollhom impatt fuq ir-rikorrenti[5]. Il-Qorti qalet biss li wieħed seta jargumenta dan il-punt mingħajr pero ma pronunzjat ruħha dwar fejn seta' jwassal dak l-"argument".
- Mhux minnu li l-ġurisprudenza teżamina l-istitut ta' l-intervent biss mill-ottika ta' kawżi kuntrattwali jew dawk tradizzjonamlment "ċivili" u qatt ma trattat l-istitut ta' l-intervent f'kawzi bħal dik odjerna[6]. Fid-degriet li minnu r-rikorrenti tixtieq tappella saret referenza għal ġurisprudenza relatata ma kawzi li, għalkemm mhux identiċi ghal dik odjerna, trattaw punti simili.

---

[2] Ref *Pierre Grech vs Josanne Grech* Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 16 ta' April 2002.
[3] Mgħoti fis-6 ta' Mejju 2022.
[4] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[5] Hekk allegat ir-rikorrenti fr-rikors in eżami u sa ċċertu punt watq it-trattazzjoni tiegħu.
[6] Allegazzjoni magħmula waqt is-sotttomissjonijiet.

- L-interess ġuridiku ta'l-għaqda attriċi fil-proċeduri odjerni, mertu ta' waħda mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, għadu qed jiġi dibattut u għad trid tittieħed deċizjoni dwaru.[7]

Ikkunsidrat

Illi mis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti huwa lampanti li l-lanjanza tagħha jirrivolvu dwar il-fatt li saret xi forma ta' diskriminazzjoni fil-konfront tagħha u li ma ingħatax r-raġunijiet wara d-deċizjoni, tal-konvenuta, li jittieħdu proċeduri kontra tagħha imma mhux kontra l-persuni l-ohra imsemmija mill-Maġistrat Inkiwrenti u b'mod partikolari kontra Antoniella Gauci. Saret insistenza li r-rikorrenti tixtieq li jkollha s-serħan tal-mohh li d-deċiżjonijiet li ttieħdu u li wasslu għall-proċeduri fil-konfront tagħha, deċiżjonijiet li ttieħdu mill-konvenuta ma'l-egħluq ta'l-inkjesta, saru bil-mod rikjest mill-liġi u li l-proċess (li wassal għat-tehied ta' dawn id-deċizjonijiet) kien wieħed san.

Illi pero dawn il-lanjanzi żgur li ma jiffurmawx parti mill-mertu tal-proċeduri odjerni li waqthom  il-Qorti ma tistax tissindika deċiżjonijiet li wasslu għat-teħied ta' proċeduri penali  imma tista' tissindika biss id-deċizjoni tal-konvenuta li ma ssirx prosekuzzjoni fil-konfront ta' persuni speċifiċi li mhumiex ir-rikorrenti.

Illi aktar minn hekk u fit-termini tal-ġurisprudenza fuq ċitata id-degriet li minnu r-rikorrenti tixtieq tappella m'hu ser ikollu l-ebda effett fuq is-sentenza definittiva u l-Qorti ma tarax li nġiebu raġunijiet suffiċjenti biex jikkonvinċuha li jkun aħjar u ġust li r-rikorrenti tingħata permess tappella mid-degriet in eżami f'dan l-istadju.

Għal dawn il-tmoivi it-talba tar-rikorrenti qed tiġi miċhuda.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

[7] Ir-rikorrenti targumenti li la darba l-għaqda attriċi kellha l-interess rikjest biex isiru dawn il-proċeduri allura aktar  u aktar kellha interess hi.